

Brussell, 7 ta' Ġunju 2024
(OR. en)

10793/24

SOC 432
EMPL 250
ECOFIN 652
EDUC 203

NOTA

minn:	Kumitat tal-Impjiegi
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni dwar l-integrazzjoni tal-persuni li ilhom qiegħda fis-suq tax-xogħol – Messaġġi Ewlenin mill-Kumitat tal-Impjiegi - <i>Approvazzjoni</i>

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuża l-Messaġġi ewlenin mill-Kumitat tal-Impjiegi dwar l-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-15 ta' Frar 2016 dwar l-integrazzjoni tal-persuni li ilhom qiegħda fis-suq tax-xogħol (ĠU C 67, 20.2.2016, p. 1–5) li biex jiġu approvati mill-Kunsill (EPSCO) fis-sessjoni tiegħu tal-20 ta' Ġunju 2024.

Anness 1: Konklużjonijiet speċifiċi għall-pajjiż jinstabu fl-ADD 1 tad-dokument 10793/24.

Anness 2: Ġbir ta' data għall-monitoraġġ tar-Rakkomandazzjoni dwar persuni li ilhom qiegħda: ir-risultati kompluti għall-2022 jinstabu fl-ADD 2 tad-dok. 10793/24.

Anness 3: Sommarji eżekuttivi tal-faxxikoli tal-Istati jinstabu fl-ADD 3 tad-dokument 10793/24.

Rieżamijiet mill-EMCO tal-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-integrazzjoni tal-persuni li ilhom qiegħda fis-suq tax-xogħol

Messaġġi Ewlenin tal-EMCO għall-Kunsill

1. INTRODUZZJONI

Il-Kumitat tal-Impjiegi (EMCO) għandu l-inkarigu tal-monitoraġġ tal-progress miksub fl-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-integrazzjoni tal-persuni li ilhom qiegħda fis-suq tax-xogħol. Sa mill-2016, wara kull rieżami, il-Kunsill (EPSCO) japprova sett ta' messaġġi ewlenin ipprovduti mill-EMCO bbażati fuq il-monitoraġġ minnu ta' din ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill. F'Ottubru 2022, il-Messaġġi Ewlenin tal-EMCO ffukaw fuq il-progress magħmul mill-Istati Membri u, barra minn hekk, iddiskutew l-għoti ta' taħriġ għall-persuni li ilhom qiegħda, u ġew studjati tliet aspetti: il-kopertura, il-finanzjament u l-governanza.

Il-ħames rieżami tal-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill sar fil-11 u t-12 ta' April 2024 fi Brussell u twettaq mill-Grupp ta' Analiżi tal-Politika tal-EMCO (EMCO PAG). Minbarra li ddiskuta l-estent ta' kemm l-Istati Membri qiesu l-gwida tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill, ir-rieżami tal-2024 sħarreg il-progress miksub mill-Istati Membri **fl-iżvilupp jew l-attivazzjoni ta' sħubijiet ma' impjegaturi u atturi rilevanti jew partijiet ikkonċernati oħra fil-livell lokali** biex jiffaċilitaw l-integrazzjoni tal-persuni li ilhom qiegħda fis-suq tax-xogħol.

Qabel ir-rieżami, **l-Istati Membri mlew kwestjonarju ta' awtovalutazzjoni maħsub biex dawn jivvalutaw il-livell tagħhom ta' implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill** billi jiffoka fuq erba' oqsma għall-azzjoni ewlenin: (a) ir-reġistrazzjoni tal-persuni li ilhom qiegħda; (b) il-koordinazzjoni f'punt uniku ta' kuntatt; (c) il-kisba ta' Ftehimiet ta' Integrazzjoni f'Impjiegi; u (d) l-involvement tal-partijiet ikkonċernati **b'enfasi partikolari fuq sħubijiet.**

Il-messaġġi ewlenin attwali jużaw ir-riżultati ta' dak ir-rieżami, b'konklużjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi, ir-riżultati tal-eżerċizzju ta' ġbir ta' data u s-sommarji eżekuttivi tal-faxxikoli tal-Istati Membri inklużi fl-annessi. Ma' dan id-dokument hemm annessi wkoll ir-riżultati għal kull Stat Membru tal-eżerċizzju ta' ġbir ta' data tal-2023, preċeduti minn sommarju tar-riżultati prinċipali fil-livell tal-UE.

2. IL-PROGRESS MIKSUB

Wara żieda fl-2021, l-għadd ta' persuni li ilhom qiegħda fl-UE kompli jonqos u laħaq kwota ta' inqas minn 5 miljuni fl-2022, bir-rata tonqos b'aktar min-nofs imqabbla mal-livell għoli reċenti tagħha fl-2013 (minn 5.3% għal 2.3%). Is-sehem tal-persuni li ilhom qiegħda mit-total tal-persuni qiegħda wkoll naqas għal 43.5%, li huwa 6 punti perċentwali inqas milli fl-2013.

A. REĠISTRAZZJONI

Minn wara l-pandemija tal-COVID-19, l-Istati Membri qed jagħtu enfasi dejjem ikbar lid-diġitalizzazzjoni tas-servizzi (reġistrazzjoni online, appoġġ online, eċċ.). Madankollu, għadhom jippersistu l-isfidi għall-persuni li ilhom qiegħda, speċjalment dawk b'ħiliet batuti fl-ICT, biex ikollhom aċċess għas-servizzi elettroniċi. Għalhekk, il-kuntatt wiċċ imb'wiċċ għadu rakkomandat mis-Servizz Pubbliku tal-Impjiegi bħala aktar effiċjenti għall-individwi li ilhom qiegħda.

Bosta Stati Membri implimentaw azzjonijiet ta' sensibilizzazzjoni biex iħeġġu lill-adulti mhux attivi jirreġistraw (ir-reġistrazzjoni inizjali b'diversi kanali, bħas-servizzi elettroniċi, bi preżenza fiżika, bit-telefown jew bil-media soċjali saħansitra ġiet estiża aktar fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri). Madankollu, għad fadal l-isfidi f'dawk l-Istati Membri b'disparitajiet reġjonali sostanzjali.

Jibqa' l-fatt li r-reġistrazzjoni komuni bejn is-servizzi tal-qgħad fis-Servizz Pubbliku tal-Impjiegi u s-servizzi soċjali għadha lura, minkejja l-inċentivi qawwija introdotti mill-biċċa l-kbira tal-Istati Membri. L-implimentazzjoni effettiva tar-reġistrazzjoni komuni tista' tiffaċilita l-identifikazzjoni tal-aktar sitwazzjonijiet kritiċi u l-każijiet li għandhom jiġu ttrattati. Mil-lat pożittiv, l-Istati Membri qed jimplimentaw dejjem aktar provvedimenti biex jiskoraġġixxu t-tneħħija mir-reġistrazzjoni meta l-benefiċċji tal-qgħad u dawk soċjali jkun eżawriti.

B. PUNT UNIKU TA' SERVIZZ

L-identifikazzjoni ta' punt uniku ta' servizz għal kull riċevitur ta' ftehim ta' integrazzjoni f'impjieg hija implimentata b'mod estensiv fl-Istati Membri kollha, kif ukoll l-allokazzjoni ta' ħaddiem tal-każ għal kull persuna li ilha qiegħda. Il-kapaċità tal-punti uniċi ta' servizz li jikkompilaw informazzjoni individwali b'appoġġ għall-valutazzjoni għal kull persuna li qed tfittex ix-xogħol żdiedet f'bosta Stati Membri.

Id-diġitalizzazzjoni tas-servizzi għall-persuni qiegħda żdiedet ukoll. Madankollu, il-kondiviżjoni tal-informazzjoni u d-data ġiet identifikata bħala element nieqes li qed ixekkel il-progress jew il-kwalità tas-servizzi. It-titjib tal-koordinazzjoni bejn is-servizz pubbliku tal-impjieg ċentrali u dak lokali u l-muniċipalitajiet jeħtieġ ġiġi infurzat, kif ukoll il-mekkaniżmi għat-trażmissjoni u l-kondiviżjoni bejn il-fornituri ta' servizzi ta' informazzjoni rilevanti dwar postijiet vakanti ta' impjieg, opportunitajiet ta' taħriġ, u servizzi disponibbli għal kull persuna li ilha qiegħda. L-istabbiliment adegwat ta' skambju u trasferiment ta' informazzjoni waqt li titħares il-konformità mar-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data (GDPR) għadu problema għal bosta Stati Membri.

C. FTEHIM TA' INTEGRAZZJONI F'IMPJIEG

Il-Ftehimiet ta' Integrazzjoni f'Impjieg (JIAs), jew l-ekwivalenti tagħhom, ilhom jiġu implimentati fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri mill-2018 imma għadu qed isir ilhom aktar titjib.

Sar titjib fis-segwitu tal-valutazzjonijiet individwali, bi gwida u informazzjoni dwar offerti ta' impjieg u appoġġ, kif ukoll monitoraġġ u aġġornamenti regolari tal-JIA u arranġamenti li jippermettu rieżami regolari tal-progress lejn l-integrazzjoni mill-ġdid tal-persuni li qed ifittxu x-xogħol. Madankollu, il-kondiviżjoni ta' informazzjoni dwar persuni li ilhom qiegħda bejn l-organizzazzjonijiet involuti fil-JIA għadha relattivament baxxa, speċjalment bejn sħab pubbliċi u privati.

D. INVOLVIMENT TAL-PARTIJET IKKONĊERNATI

Filwaqt li sar progress fil-kooperazzjoni bejn il-partijiet ikkonċernati differenti (eż. il-Ministeru għall-Edukazzjoni, il-Ministeru għax-Xogħol u s-Servizz Pubbliku tal-Impjiegi, kif ukoll psikologi, ħaddiema fil-qasam soċjali, u mentors) bl-iżvilupp servizzi għal min iħaddem, il-ħidma multidixxiplinari mal-partijiet ikkonċernati kollha, inkluż l-impjegaturi lokali stess, u mal-amministrazzjonijiet u s-soċjetà ċivili għadha qed tkun ta' problema u bħalissa qed issir f'xi ftit Stati Membri biss.

In-networking mal-partijiet ikkonċernati, il-ħolqien ta' sħubijiet u l-involvement tal-impjegaturi, is-servizzi soċjali u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili huma komponenti kritiċi għall-integrazzjoni effettiva mill-ġdid fis-suq tax-xogħol tal-persuni li ilhom qiegħda u għall-prevenzjoni tal-qgħad fit-tul. Dawn is-sħubijiet huma meħtieġa fil-livelli kemm nazzjonali kif ukoll lokali, għalkemm spiss jinqalgħu diffikultajiet minħabba l-interessi li jvarjaw tal-partijiet ikkonċernati differenti. L-involvement tal-partijiet ikkonċernati u l-ħolqien ta' sħubijiet fil-livell lokali jvarja minn Stat Membru għal ieħor.

Dawn l-entitajiet jaqdu rwol kruċjali biex jiġu indirizzati l-ostakli li jsibu quddiemhom xi individwi biex jiksbu integrazzjoni sostnuta fis-suq tax-xogħol. F'għadd ta' pajjiżi, is-Servizz Pubbliku tal-Impjiegi għandu jsaħħa l-involvement tal-impjegaturi f'dawn il-proċessi. Bosta Stati Membri jagħrfu l-importanza tan-networking imma jsibu diffikultà fil-kapaċità tas-Servizzi Pubbliċi tal-Impjiegi fil-livell lokali li jinvolve l-partijiet ikkonċernati kollha meħtieġa b'mod effettiv.

E. ĠBIR TA' DATA

Ir-riżultati tal-aħħar ġabra ta' data dwar il-persuni li ilhom qiegħda juru progress limitat ferm fl-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill, bin-nofs biss tal-Istati Membri li s'issa jissodisfaw l-ewwel objettiv tar-Rakkomandazzjoni billi jipprovdu JIA jew ekwivalenti lil mill-inqas 95% tal-persuni li ilhom qiegħda rreġistrati bħala qiegħda għal mill-inqas 18-il xahar.

Il-ġbir ta' data dwar persuni li ilhom qiegħda turi wkoll li r-rati ta' tranżizzjoni lejn l-impjieg huma inqas minn tas-sena li għaddiet għall-Istati Membri kollha ħlief għal tnejn, u din is-sena 14-il Stat Membru biss irnexxielhom jipprovdu data dwar is-sitwazzjoni ta' persuni li ilhom qiegħda li ħarġu minn JIAs.

Madankollu, din id-data ta' segwitu tikkonferma wkoll l-evidenza preċedenti li turi li l-grupp ta' Stati Membri li jipprovdu Pjanijiet ta' Azzjoni Individwali b'valutazzjoni fil-fond jiksbu rezultati sostanzjalment aħjar meta mqabbla mal-grupp li jipprovdi JIAs ġenwini, u b'mod partikolari mal-grupp li jipprovdi Pjanijiet ta' Azzjoni Individwali regolari, u dan jissuġġerixxi li l-ġoti ta' pariri individwali huwa essenzjali għall-integrazzjoni tal-persuni li ilhom qiegħda.

3. KONKLUŻJONIJIET

Għalkemm qed jonqos, il-qgħad fit-tul għadu problema mifruxa f'xi Stati Membri, u dan ikabbar ir-riskju tad-deterjorament tal-ħiliet, l-esklużjoni soċjali u l-faqar. Peress li jaffettwa l-persuni fl-aktar sitwazzjonijiet vulnerabbli u l-gruppi sottorappreżentati fis-suq tax-xogħol, it-trattament tal-qgħad fit-tul jikkontribwixxi wkoll għall-ġlieda kontra l-inugwaljanzi u jsaħħaħ il-koeżjoni soċjali fl-UE. **F'kuntest bħal dan, l-Istati Membri żammew l-impenn politiku tagħhom favur l-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni dwar l-inklużjoni tal-persuni li ilhom qiegħda fis-suq tax-xogħol. Madankollu, filwaqt li xi żviluppi komuni huma evidenti, il-livell ta' implimentazzjoni għadu jvarja minn Stat Membru għal ieħor u l-awtovalutazzjoni tal-Istati Membri wriet li l-progress fl-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill majna f'dawn l-aħħar ftit snin.** Fid-dawl tal-isfidi attwali, jeħtieġ tiġi enfasizzata l-importanza li l-persuni li ilhom qiegħda jiġu mġhammra jew mġhammra mill-ġdid bil-ħiliet adatti biex jidħlu fis-suq tax-xogħol. L-appoġġ kmieni u fil-ħin, bħala parti minn approċċ preventiv aktar ġenerali, huwa wkoll essenzjali biex jiġi evitat li l-persuni jsibu ruħhom qiegħda għal żmien twil. Is-sejbiet tar-rieżami għadhom jappoġġaw l-importanza ta' politika attiva tas-suq tax-xogħol li tindirizza lill-persuni li ilhom qiegħda sabiex jiġu integrati mill-ġdid b'suċċess fis-suq tax-xogħol. Barra minn hekk, meta jitqiesu l-iskarsezzi ta' ħaddiema u ħiliet fl-Istati Membri kollha bħalissa, huwa importanti li l-persuni fl-iktar sitwazzjonijiet vulnerabbli u l-gruppi sottorappreżentati jingħataw is-setgħa li jidħlu fis-suq tax-xogħol b'suċċess billi jiġi żgurat li jistgħu jibbenefikaw minn opportunitajiet ta' impjieg u taħriġ ta' kwalità, kif ukoll minn sussidji għal impjegi mmirati.

Jeħtieġ li jitjiebu s-sistemi ta' monitoraġġ u evalwazzjoni tal-politiki implimentati għall-integrazzjoni fis-suq tax-xogħol tal-persuni li ilhom qiegħda. Filwaqt li daħlu fis-seħħ bosta programmi ta' attivazzjoni għall-persuni li ilhom qiegħda, f'ċerti każijiet l-effikaċja ta' dawn il-programmi tista' tiġi vvalutata biss fi stadju aktar tard.

Anness 1. Grupp ta' Analiżi tal-Politika tal-EMCO, Konklużjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiżi dwar il-Persuni li Ilhom Qiegħda, 2024

Anness 2. Ġbir ta' data għall-monitoraġġ tar-Rakkomandazzjoni dwar il-persuni li ilhom qiegħda, 2023 - ir-riżultati kollha

Anness 3. Il-faxxikoli tal-Istati Membri kollha tal-UE, 2023 - sommarji eżekuttivi